MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 167/2013

**Golden Harvest Mfg Co Ltd**

**Vs**

**Dr. Mark Mifsud Cutajar mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Giuma El Bashir Saheri, u dan skond digriet tat-23 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €8400.00 (tmint elef u erba' mitt Euro), rapprezentanti bilanc dovut fuq bejgh ta' merkanzija kkonsenjata lilu.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1339/13 kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta ta' Dr. Mark Mifsud Cutajar bhala kuratur deputat ghall-assenti Giuma El Bashir Saheri fejn irrileva:

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti;
2. Illi jirrizerva eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2014,[1] Dottor Mark Mifsud Cutajar informa lill-Qorti li hu m'ghandux kuntatt mal-intimat li kien qieghed jirraprezenta. Min-naha l-ohra, fl-istess seduta, l-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti irrilevat li l-intimat huwa ta' nazzjonalita Libjana u m'ghandhiex indirizz tieghu barra minn Malta u li meta kien jigi Malta kien joqghod f'lukanda.

Rat l-affidavit ta' Mark Aquilina,[2] direttur tas-socjeta attrici li xehed hekk: *"Nikkonferma li Giuma El Bashir Saheri ghandu jaghti lis-socjeta Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. is-somma ta' €8,000.00, u dan kif jirrizulta mir-rendikont M1, flimkien mal-ammont ta' €400.00 rapprezentanti (sic)"* u s-sentenza tieqaf hemm. Mid-Dokument M1, u l-fatturi li gew ipprezentati, jirrizulta li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici is-somma ta' €8,066.40. Pero ix-xhud ma jaghti l-ebda spjegazzjoni, u wisq inqas ressaq provi, ghalfejn is-socjeta attrici qed tippretendi l-ammont ta' €400 minghand il-konvenut. L-affidavit ta' Mark Aquilina u d-dokumenti annessi mieghu huma l-unika prova prodotta mis-socjeta attrici.

[1] Ara fol. 18 tal-process.
[2] A fol. 20 tal-process.

Fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2014,[3] Dr. Mark Mifsud Cutajar kuratur deputat ghall-intimat, ivverbalizza illi *"fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-verbal tal-31 ta' Jannar 2014, a fol. 18 tal-process, jiddikjara illi fic-cirkostanzi baqa' mhux edott mill-fatti u ghalhekk fil-prezent ma ghandux provi x'jipproduci."*

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, is-socjeta attrici ppruvat li l-konvenut ghandu jtiha l-ammont ta' €8,066.40, u mhux l-ammont intier pretiz minnha ta' €8,400.00. Il-fatt li l-konvenut baqa' kontumaci, ma jezentax lis-socjeta attrici li tipprova t-talba taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut Giuma El Bashir Saheri sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tmint elef u sitta u sittin Euro u erbghin centezmu (€8,066.40), bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1339/13 kontra l-konvenut, u tichad it-talba attrici ghar-rimanenti.

# < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara fol. 45 tal-process.